MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1106/2002/1

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta estera AXA Insurance Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Simonds Farsons Cisk plc u l-istess Simonds Farsons Cisk plc**

**Vs**

**Jonathan Zahra**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) [Lm975 lis-socjeta Atlas Insurance Agency Limited noe u Lm25 lis-socjeta Simonds Farsons Cisk plc], hlas ta’ danni sofferti f’incident tat-traffiku li sehh f’Ta’ Xbiex fit-28 ta’ Lulju 2000 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura numru CBG 672 habat fil-vettura bin-numru CAA 943 propjeta ta’

Simonds Farsons Cisk plc u misjuqa minn Anthony Zammit u ghal liem incident kien unikament responsabbli.

Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenut ikkontesta l-ammont ta’ danni reklamati mill-atturi.

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni.

Ra l-atti.

Ikkunsdira:
1. Fil-kawza odjerna qieghed jigi kkontestat biss l-ammont ta’ hlas ghar-rizarciment tad-danni.

2. Kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Lulju 2002, *“Dr. R. Frendo ghall-konvenut tiddikjara li l-konvenut qieghed jikkontesta l-quantum tad-danni limitatament ghall-fanal tan-naha tal-lemin indikat f’Dok. AM3 bhala headlamp RH kif ukoll ghal fatt li bejn il-prezzijiet indikati f’Dok. AM1 u f’Dok. AM3 hemm avarija ta’ circa erbghin fil-mija (40%)”*.

3. Mill-provi li tressqu rrizulta li l-parts gew effettivament mixtrija minghand Auto Factors (Malta) Limited. Arthur Tonna, direttur tal-kumpannija, ikkonferma l-prezzijiet indikati fl-invoices a fol. 16 – 18 tal-process u li l-*parts* huma originali. Mix-xhieda li nghatat mis-*surveyor* Mark Micallef jirrizulta li:

(a) Il-prezzijiet indikati fis-*survey report* huma biss stimi;

(b) Il-fanal li t-tibdil tieghu oggezzjona ghalih il-konvenut, kien maqsum u x-xhud esprima l-fehma li l-hsara kienet relatata ma’ l-incident meritu tal-kawza. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-fanal kollu kellu jinbidel peress li l-hsara kienet fil-borma tal-fanal.

(c) Il-vettura danneggjata kienet ilha fuq it-triq mis-sena 1990 u kienet f'kundizzjoni tajba [ara wkoll survey report a fol. 14].

4. It-Tribunal jaghmel riferenza ghal sentenza tieghu fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited nomine vs Carmel Sant** (Avviz numru 1121/02AE) deciza fit-28 ta' Novembru 2002 fejn saret ampja riferenza ghall-gurisprudenza li ttrattat il-kwistjoni dwar l-obbligu tad-danneggjat li jimminimizza d-danni. Huwa maghruf li d-danneggjat ghandu dritt li jirripristina l-karrozza fl-istat li kienet qabel l-incident. It-Tribunal huwa tal-fehma li ma kien hemm l-ebda abbuz da parti tad-danneggjat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal, jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) kif indikat fl-avviz tat-talba, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul.**
**Gudikant**